MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 650/2013

**GO p.l.c C22334**

**vs.**

**Farhat Naili K.I. 119405(L)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-1 t'Ottubru 2013, illi permezz tiegħu, is-soċjeta attriċi talbet mingħand il-konvenut, il-ħlas tas-somma ta' sitt mija u sebgħa u tmenin ewro u għaxar ċenteżmi (€687.10c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' telekomunikazzjoni, bl-akkont numru A/C 40154538 mogħtija mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta’ sitt mija u sebgħa u tmenin Ewro u għaxar ċenteżmi (€687.10c), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali nnumerata 713/13 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------